Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/58*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 58 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar L-Erbgħa 23 ta' Jannar, 2013 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-57

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Qari u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2012

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2012, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 4. Mill-Minuti 6-57

4.01 **Paragrafu 9.01** dwar lampa ġdida fi Triq il-Ġonna. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li fejn ġie propost li teħel il-lampa l-ġdida fi Triq il-Ġonna m'hemmx arbli u lanqas bini ma fejn tista' teħel il-lampa. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex isiru żewġ arbli u jeħlu żewġ lampi ġodda peress li hemm ħafna dlam f'dawn l-inħawi.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 59/2012 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.

5.02 Memo 60/2012 – Allegati Abbużi fil-Lokalitajiet fuq id-Dwal tat-Toroq.

5.03 Memo 01/2013 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.

5.04 Memo 02/2013 – Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali (Marzu 2013).

5.05 Memo 03/2013 – Kors fil-Kitba bil-Malti – Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti.

5.06 Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill dwar l-allokazzjoni finanzjarja Jannar – April 2013. L-allokazzjoni tal-Kunsill se tkun ta' €53,147.00 għal dan il-perjodu ta' erba' xhur.

5.07 Guido Zammit mill-ETC informa lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni ta' Spiro Farrugia fl-iskema xogħol fil-komunita se tiġġedded għal sitt xhur oħra b'seħħ mill-14 ta' Jannar 2013.

5.08 Il-Perit Audrey Testaferrata Denoto infurmat lill-Kunsill li l-proposta tat-traffiku biex isiru sinjali sofor fi Triq il-Fanal (jibdew minn qrib il-Pjazza s-Salvatur) ġew approvati. Il-Kunsill qabel li jsiru is-sinjali kif kienu qabel.

5.09 L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-polza ta' assikurazzjoni tas-saħħa għall-membri tal-Kunsill għas-sena 2013. Il-ħlas għal kull persuna huwa ta' €53. Il-Kunsill qabel li inħalsu din il-polza lill-membri kollha tal-Kunsill u l-istaff.

5.10 L-AKL infurmat lill-Kunsill Lokali dwar il-polza ta' assikurazzjoni tal-flus għas-sena 2013. Il-Kunsill qabel li inġeddu din il-polza li tiswa' €63.

5.11 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-fondi speċjali dwar restawr ta' postijiet storiċi żgħar kienet ġiet aċċettata. Il-Kunsill kien applika għal żewġ postijiet, waħda dwar in-niċċa tal-Lunzjata fi Triq Salvu Gambin kantuniera ma' Triq il-Knisja u l-applikazzjoni l-oħra kienet dwar l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li hemm fuq iz-zuntier tal-Pjazza. Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni dwar restawr tal-istatwi kienet ġiet aċċettata. Il-Kunsill ġie mitlub biex jibgħat dikjarazzjoni minn naħa tal-Knisja (peress li dawn huma proprjeta tal-Knisja) fejn jaċċettaw li jsir ix-xogħol ta' restawr fuq l-istess statwi.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien diġa ikkuntattja lill-Kappillan dwar dan is-suġġett u fil-fatt il-Kappillan diġa għamel id-dikjarazzjoni mitluba. Din id-dikjarazzjoni intbagħtet lid-Dipartiment u għalhekk issa nistennew risposta dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex wara inkunu nistgħu nibdew ix-xogħol ta' restawr.

**6. Offerta dwar ġbir ta' skart domestiku**

*F'dan il-ħin tal-laqgħa l-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni.*

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Bord ta' Evalwazzjoni li kien maħtur mill-Kunsilli Lokali ta' L-Għasri, L-Għarb u San Lawrenz kien lesta r-rapport tiegħu dwar l-offerta tal-ġbir ta' skart domestiku. Il-Bord ta' Evalwazzjoni informa lill-Kunsilli li l-offerta mitfugħha minn KIP Għawdex Ltd hija l-uniku offerta valida u għalhekk irrakomanda li din l-offerta għandha tiġi aċċettata.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li matul l-aħħar ġimgħat kienet għaddiet diversi korrispondenza permezz ta' emails bejn il-Kunsill tagħna u dak ta' L-Għarb dwar ir-rati ta' din l-offerta. Kif kien spjegat ukoll fl-aħħar laqgħat tal-Kunsill, jidher ċar li l-Kunsill Lokali ta' L-Għarb mhux interessat li r-rata tal-offerta tinqasam skond il-households ta' kull lokalita. Is-Sindku qal li l-Kunsill tagħna m'għandux jaċċetta li jħallas bir-rata kif ikkwotata fl-offerta għall-Kunsill separatement peress li dawn ir-rati ma humiex ġustifikati. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill tagħna iħallas bir-rata tal-offerta globali skond il-households kif indikat hawn taħt:-

Rata Globali għat-tlett Kunsilli kif ikkwotata minn KIP Għawdex Ltd:- **€136.30**

Rata separata għall-kull Kunsill – L-Għarb - €45.00, L-Għasri - €49.79 u San Lawrenz - €65.81. Total ta' **€160.60**

Is-Sindku qed jippoponi li għandha tingħażel ir-rata globali, jiġifieri **€136.30**. Din ir-rata tinqasam bejn it-tlett Kunsilli skond in-numru ta' households. L-ammont ta' €76 se jitnaqqas minn din ir-rata bħala spejjeż komuni u jinqasam l-istess (€25.33 kull Kunsill). Il-kumplament (136.30 – 76 = €60.30) se jkun l-ammont li jinqasam skond il-households ta' kull lokalita'.

Households (informazzjoni miksuba minn għand Maltapost) :-

L-Għasri – 271, L-Għarb – 686 u San Lawrenz – 312. L-Għasri għandu jħallas 21% ta' €60.30 = €12.66. Ma' dan l-ammont jiżdied €25.33 u għalhekk ir-rata tal-Kunsill tagħna tkun ta' **€37.99**.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għalhekk KIP Għawdex Ltd se jiġu infurmati dwar dan. Huma se jiġu mitluba jikkonfermaw li jaċċettaw li jagħtu dan is-servizz b'din ir-rata. Jekk il-Kunsill jingħata konferma dwar dan, il-Kunsill ikun jista' jipproċedi biex jaċċetta l-offerta u b'hekk isir l-iffirmar tal-ftehim bejn iż-żewġ naħat. Minn naħa l-oħra jekk il-kuntrattur ma jaċċettax dawn il-kundizzjonijiet, il-Kunsill jikkonsidra li joħroġ sejħa mill-ġdid għall-offerti. Din l-offerta tista' toħroġ flimkien mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz jekk minn naħa tagħhom ikunu jaqblu magħna. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li diġa kellhom kuntatti mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u jidher li wkoll qed jaqblu mal-proposta tagħna li r-rata għandha tinqasam skond in-numru ta' households ta' kull lokalita.

Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li niktbu ittra lill-KIP Għawdex Ltd sabiex minn naħa tagħhom jikkonfermaw jew le dwar din il-proposta.

**7. Offerti dwar Tindif ta' Toroq/Tindif ta' Latrina Pubblika/Ġbir ta' Skart Goff**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li Dr Joshua Grech, Dr Josette Spiteri Cauchi u s-Sur Paul Zahra kienu aċċettaw li jkunu l-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerti. Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2013 saret l-ewwel laqgħa ta' dan il-bord fejn minn naħa tal-Kunsill għaddejnilhom id-dokumenti tal-offerti biex ikunu jistgħu jibdew jevalwaw l-offerti kollha.

Għalhekk il-proċess tal-għażla dwar dawn it-tlett offerti għadu qed isir.

**8. Financial Statements 2012**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li huwa kiena għadda d-dokumenti meħtieġa lill-JCA Limited sabiex minn naħa tagħhom jippreparaw il-Financial Statements għas-

sena 2012. Kif ikunu lesti l-Financial Statement 2012 se jintbgħatu lill-membri kollha biex jiġu diskussi u approvati fil-laqgħa li jmiss.

**9. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku u l-Kunsill iddiskutew dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2012 mal-Kunsill Lokali L-Għasri. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiġi rakkomandat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-Performance Bonus sħiħ (10%).

**10. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-58 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**11. Materja oħra**

11.01 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li Rose Cini ta' Cini Apartments Triq il-Knisja, kienet ilmentat dwar il-lampa ġdida li twaħlet ma' ġenb il-post tagħha. Oriġinarjament il-Kunsill kien għamel talba sabiex teħel lampa ġdida mal-arblu li hemm faċċata. L-Enemalta kienu ipproponew sabiex il-lampa teħel mal-post imsemmi flokk mal-arblu. Is-Segretarju għamel kuntatti mal-Inġiniera tal-Enemalta u ġie maqbul li l-lampa għandha teħel mal-arblu. Il-kuntrattur diġa ġie ikkuntattjat biex din il-lampa tinqala' minn mal-post u teħel mal-arblu.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Frar, 2013 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv